**L-AKKADEMJA TAL-MALTI**

---

**Stqarrija għall-Istampa**

**Il-ħtieġa u l-użu tal-Malti mill-barranin**

Wasalna f'sitwazzjoni redikola, jekk mhux assurda, li f'pajjiżna stess ma nistgħux ninqdew bil-lingwa tagħna. Din hija sitwazzjoni li kulma tmur qiegħda tagħmel ħsara lill-ilsien nazzjonali u qiegħda taggrava minn jum għal ieħor.

Nagħtu ftit eżempji: tirkeb karozza tal-linja, tistaqsi għal xi direzzjonijiet lis-sewwieq u jgħidlek: "I don't speak Maltese."

Tidħol f'restorant, jiġi xi ħadd biex jieħu l-ordni u jgħidlek: "No Maltese, please! English." U ħafna drabi, mhux talli ma jkunx jaf bil-Malti talli jkun jaf biss Ingliż imfarrak.

Tidħol ġo ħanut u ssib li wara l-*counter* hemm barrani li ma jafx bil-Malti.

Iċċempel għal xi informazzjoni f'uffiċċju u titkellem bil-Malti. Imma dlonk tisma' lil min jgħidlek b'ċerta awtorità (u xi kultant anki b'arroganza): "Speak in English, please".

Tmur fi klinika privata u fir-*reception* issib barranija li ma tafx kelma bil-Malti (u kultant lanqas bl-Ingliż).

Tmur l-isptar u ssib bosta tobba u infermiera li ma jafux bil-Malti. Ċerti nies ma jħossuhomx komdi jispjegaw ruħhom bl-Ingliż, u ma tagħtihomx tort.

Nemmnu li dawn il-barranin, għandna bżonnhom kemm għandna bżonnhom, għandhom ikunu obbligati li qabel jibdew jaħdmu, jingħataw kors fil-lingwa Maltija biex tal-anqas ikunu jistgħu jikkomunikaw fuq livell bażiku. L-iskuża li kulħadd jifhem bl-Ingliż, mhix aċċettabbli, u wara kollox mhijiex vera. L-idea li l-Maltin huma bilingwi hija ħrafa kbira, imma mid-dehra kulħadd jibża' jgħid il-verità.

U ma' dawn insemmu l-iskejjel, fejn il-problema qiegħda dejjem teskala. Minħabba ftit individwi (kultant anki wieħed) l-għalliem irid bilfors jirrikorri għall-Ingliż. Fl-aħħar se naslu biex ngħidu: Mhux kulħadd jaf bl-Ingliż? Mela l-Malti x'nambuh?

Il-mentalità kolonjali għadha hemm? Għaliex għandna nistħu u ma ninsistux li jkellmuna bil-Malti – f'artna stess?

01.05.2018